DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/714

tal-5 ta' Mejju 2022

li tagħti deroga li tippermetti lill-Belġju, lill-Bulgarija, lil Ċipru, lil-Litwanja, lin-Netherlands u lill-Finlandja li jużaw mezzi oħra għajr tekniki elettroniċi għall-ipproċessar tad-*data* għall-iskambju u l-ħażna ta' informazzjoni għas-Sistema ta' Kontroll tal-Importazzjoni 2 fir-rigward ta' merkanzija f'kunsinni postali

(notifikata bid-dokument C(2022) 2760)

(It-testi bil-Bulgaru, bil-Finlandiż, bil-Franċiż, bil-Grieg, bil-Litwan, bl-Olandiż u bl-Iżvediż biss huma awtentiċi)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 6(4) flimkien mal-Artikolu 8(2) tiegħu,

Wara li kkonsultat lill-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

Billi:

(1) L-Artikolu 6(1) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 jirrikjedi li l-iskambji kollha ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet doganali u bejn l-operaturi ekonomiċi u l-awtoritajiet doganali u l-ħażna ta' tali informazzjoni kif rikjest skont il-leġiżlazzjoni tad-dwana, bl-użu ta' tekniki elettroniċi tal-ipproċessar tad-*data*.

(2) L-Artikolu 6(4) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 jipprevedi l-adozzjoni ta' deċiżjonijiet f'każijiet eċċezzjonali biex Stat Membru wieħed jew aktar ikunu jistgħu jidderogaw mill-użu ta' tekniki tal-ipproċessar elettroniku tad-*data* għall-iskambju u l-ħażna ta' informazzjoni jekk tali deroga tkun ġustifikata mis-sitwazzjoni speċifika tal-Istat Membru rikjedenti u tingħata għal perjodu speċifiku ta' żmien.

(3) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2151 ([2]) tistabbilixxi l-programm ta' ħidma relatat mal-iżvilupp u t-tnedija tas-sistemi elettroniċi previsti fil-Kodiċi Doganali tal-Unjoni ("il-programm ta' ħidma"). Il-programm ta' ħidma jelenka s-sistemi elettroniċi li għandhom jiġu żviluppati u d-dati li fihom dawk is-sistemi huma mistennija li jsiru operattivi. Il-programm ta' ħidma jispeċifika l-implimentazzjoni u d-dati tat-tnedija tas-Sistema ta' Kontroll tal-Importazzjoni 2 ("ICS2") f'konformità mal-Artikoli 6(1), 16, 46, 47 u 127 sa 132 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013.

(4) F'konformità mal-programm ta' ħidma, l-Istati Membri kellhom ikunu lesti mill-15 ta' Marzu 2021 biex jużaw l-ICS2 sabiex jiġbru d-dikjarazzjonijiet fil-qosor tad-dħul mingħand l-operaturi postali u t-trasportaturi express għall-merkanzija trasportata bl-ajru, u kellhom jagħtu lill-operaturi ekonomiċi l-possibbiltà li jaqbdu mas-sistema u jdaħħlu dikjarazzjonijiet fil-qosor tad-dħul bl-użu ta' dik is-sistema sal-1 ta' Ottubru 2021.

(5) F'konformità mal-Artikolu 127 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 u mal-punt (c) tal-Artikolu 183(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 ([3]), l-operaturi postali stabbiliti fl-Unjoni jridu jdaħħlu dikjarazzjonijiet fil-qosor tad-dħul billi jużaw l-ICS2 mill-1 ta' Ottubru 2021.

([1]) ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1.

([2]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2151 tat-13 ta' Diċembru 2019 li tistabbilixxi l-programm ta' ħidma relatat mal-iżvilupp u t-tnedija tas-sistemi elettroniċi previsti fil-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 325, 16.12.2019, p. 168).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 tal-24 ta' Novembru 2015 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 343, 29.12.2015, p. 558).

(6) L-operaturi postali fl-Unjoni, li jirċievu posta mingħand operaturi postali mhux tal-Unjoni, jiddependu fuq dawk l-operaturi għall-ġbir u l-iskambju f'waqthom ta' *data* elettronika bil-quddiem sabiex jissodisfaw l-obbligi skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2447. Madankollu, l-operaturi postali minn ċerti pajjiżi terzi għadhom mhumiex teknikament lesti biex jikkonformaw mar-rekwiżiti għall-ġbir u l-iskambju internazzjonali ta' *data* elettronika bil-quddiem, li japplikaw għalihom skont il-Konvenzjoni tal-Unjoni Postali Universali. Għalhekk, dawn xorta għadhom qed jonqsu milli jaqbdu, kompletament jew parzjalment, *data* elettronika u għalhekk ma jikkomunikawhiex lill-operaturi postali stabbiliti fl-Unjoni. L-operaturi postali fl-Unjoni jistgħu minflok jużaw mill-ġdid id-*data* miġbura għall-finijiet tad-dikjarazzjoni doganali u jikkomunikaw dik id-*data* lill-ICS2 permezz ta' proċess awtomatizzat. Madankollu, mhux l-operaturi postali kollha fl-Unjoni stabbilixxew tali proċess awtomatizzat ta' użu mill-ġdid.

(7) Minħabba n-nuqqas ta' *data* elettronika bil-quddiem, li hija l-informazzjoni tad-dikjarazzjoni ta' qabel il-wasla jew ta' qabel it-tagħbija, li tipikament tinsab fil-formola doganali, minn ċerti operaturi postali stabbiliti f'pajjiżi terzi, l-operaturi postali stabbiliti fl-Unjoni huma meħtieġa li jimmarkaw manwalment id-*data* fl-ICS2 fil-ħin tal-wasla fiżika tal-kunsinni postali, meta ma jkunux stabbilixxew proċess awtomatizzat għall-użu mill-ġdid u għall-komunikazzjoni tad-*data* lill-ICS2 li tingħabar għall-finijiet tad-dikjarazzjoni doganali, f'konformità mal-Artikolu 139(5) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013. Meta proċess manwali bħal dan jikkonċerna proporzjon għoli ta' kunsinni postali, dan jista' jikkawża tfixkil sinifikanti fil-katina tal-provvista postali internazzjonali.

(8) Minkejja l-obbligu li tiġi ppreżentata d-*data* tad-dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul b'mod elettroniku għall-kunsinni postali kollha mill-1 ta' Ottubru 2021, skont l-informazzjoni riċevuta mill-awtoritajiet doganali tal-Belġju, il-Bulgarija, Ċipru, il-Litwanja, in-Netherlands u l-Finlandja, il-volum tal-kunsinni postali li għalihom mhija disponibbli l-ebda *data* elettronika bil-quddiem sabiex jiddaħħlu dikjarazzjonijiet fil-qosor tad-dħul permezz tal-ICS2 f'dawn l-Istati Membri, kien ogħla minn 15 % tal-għadd totali ta' kunsinni postali riċevuti fix-xahar ta' qabel id-data tal-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni. Dan joħloq tfixkil u ostakli fil-fluss ta' merkanzija li jaslu bil-posta f'dawk l-Istati Membri minkejja l-isforzi kontinwi ta' dawn tal-aħħar biex jikkonformaw mal-obbligi legali fir-rigward tal-iskambju elettroniku ta' *data* relatata mal-ICS2.

(9) Dawn iċ-ċirkostanzi eċċezzjonali kkawżati min-nuqqas ta' tħejjija teknika tas-sistemi tal-operaturi postali mhux tal-Unjoni jiġġustifikaw it-talbiet għal deroga f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 952/2013, li tressqu mill-Bulgarija, minn Ċipru u mil-Litwanja fil-21 ta' Diċembru 2021, min-Netherlands fit-23 ta' Diċembru 2021, mill-Belġju fil-5 ta' Jannar 2022 u mill-Finlandja fl-14 ta' Jannar 2022. Jenħtieġ li dawn id-derogi jippermettu temporanjament lil dawk l-Istati Membri li jużaw mezzi oħra minbarra t-tekniki elettroniċi tal-ipproċessar tad-*data* għall-iskambju u l-ħażna ta' informazzjoni b'rabta mal-merkanzija f'kunsinni postali li għalihom l-operaturi postali mhux tal-Unjoni ma jikkomunikawx *data* elettronika bil-quddiem lill-operaturi postali tal-Unjoni u li għalihom l-operaturi postali tal-Unjoni ma jistgħux jerġgħu jużaw id-*data* tad-dikjarazzjonijiet doganali għall-preżentazzjoni tad-dikjarazzjonijiet fil-qosor tad-dħul permezz tal-ICS2.

(10) Fl-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni, l-awtoritajiet doganali tal-Belġju, tal-Bulgarija, ta' Ċipru, tal-Litwanja, tan-Netherlands u tal-Finlandja se jkollhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar il-progress li jkun sar mill-operaturi postali rispettivi tagħhom biex jipprovdu d-*data* tad-dikjarazzjonijiet fil-qosor tad-dħul għall-kunsinni postali permezz tal-ICS2 fi żmien xahar wara n-notifika tad-Deċiżjoni.

(11) Peress li l-obbligu li d-*data* tad-dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul tiġi ppreżentata b'mod elettroniku għall-kunsinni postali kollha daħal fis-seħħ fl-1 ta' Ottubru 2021, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tapplika b'mod retroattiv minn dik id-data u sat-30 ta' Ġunju 2022,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

B'deroga mill-Artikolu 6(1) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013, l-awtoritajiet doganali tal-Belġju, tal-Bulgarija, ta' Ċipru, tal-Litwanja, tan-Netherlands u tal-Finlandja jistgħu jippermettu lill-operaturi postali tagħhom jdaħħlu dikjarazzjonijiet fil-qosor tad-dħul għall-merkanzija f'kunsinni postali billi jużaw mezzi għall-iskambju u l-ħażna ta' informazzjoni għajr tekniki elettroniċi għall-ipproċessar tad-*data*, dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) ma ġiet ikkomunikata l-ebda *data* elettronika bil-quddiem għal dik il-merkanzija minn operatur postali li huwa stabbilit barra mit-territorju doganali tal-Unjoni u li jipprovdi servizzi internazzjonali rregolati mill-Konvenzjoni tal-Unjoni Postali Universali;

(b) il-volum tal-kunsinni postali kkonċernati qabeż il-15 % tal-għadd totali ta' kunsinni postali riċevuti matul ix-xahar ta' qabel id-data tal-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni;

(c) meta l-Istat Membru kkonċernat jippermetti l-użu ta' mezzi oħra għajr tekniki elettroniċi għall-ipproċessar tad-*data* kif previst hawn fuq, l-operatur postali nazzjonali ma jkollux il-kapaċità teknika li juża mill-ġdid u jikkomunika lis-Sistema ta' Kontroll tal-Importazzjoni ("ICS2") id-*data* miġbura għall-fini tad-dikjarazzjoni doganali għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera.

Artikolu 2

L-awtoritajiet doganali tal-Belġju, tal-Bulgarija, ta' Ċipru, tal-Litwanja, tan-Netherlands u tal-Finlandja għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni fi żmien xahar mid-data tan-notifika ta' din id-Deċiżjoni dwar il-progress li jkun sar mid-data tal-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni mill-operaturi postali nazzjonali tagħhom biex jipprovdu d-*data* tad-dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul għall-merkanzija f'kunsinni postali lill-awtoritajiet doganali billi jużaw l-ICS2.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju tal-Belġju, lir-Repubblika tal-Bulgarija, lir-Repubblika ta' Ċipru, lir-Repubblika tal-Litwanja, lir-Renju tan-Netherlands u lir-Repubblika tal-Finlandja.

Għandha tapplika mill-1 ta' Ottubru 2021 sat-30 ta' Ġunju 2022.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Mejju 2022.

Għall-Kummissjoni
Paolo GENTILONI
Membru tal-Kummissjoni